# *Stedina* ta' Vassalli: Studju Kritiku u Komparattiv

Olvin Vella

Zokk ta' ħmar, agħma li ma jarax, il-bniedem li jara u ma jaqrax.
M. A. Vassalli, 1828
*Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi*, nru 863

Xi snin wara li reġa' lura Malta mill-eżilju, Vassalli b'xorti tajba kien iltaqa' ma' John Hookham Frere. Fl-1823 jidher li Frere kien introduċieh maċ-*Church Missionary Society*,[1] għaqda Anglikana, u fl-1825 daħħlu jgħallem il-Malti fl-Università għax kien japprezza l-ħila akkademika tiegħu.[2]

Il-kollaborazzjoni maċ-CMS lil Vassalli aktarx swietlu biex jaġġorna l-istudji tiegħu. Mhux l-ewwel darba li mill-istamperija taċ-CMS kienu joħorġu kotba akkademiċi marbutin ma' l-ilsien Għarbi u wieħed jistenna li Vassalli kellu aċċess għal dawn il-kotba. Ngħidu aħna, fis-27 ta' Jannar ta' l-1827 ir-Rev. William Jowett, li kien imexxi din l-istamperija, kellu l-permess tal-Gvernatur biex jistampa siltiet mill-*Grammaire arabe* u mill-*Chrestomathie arabe* ta' Silvestre De Sacy. Jowett kellu jistampa l-kopji bit-Taljan, bil-Grieg u bl-Għarbi u kien marbut li jxerridhom barra minn Malta.[3]

Bis-saħħa ta' Frere u taċ-CMS, Vassalli reġa' qabad jaħdem fuq

i. il-grammatika Maltija,

---

1 Karm Sant, *It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti: 1810-1850* (Malta: Università Rjali ta' Malta, 1975) 27.

2 Olvin Vella, "Mikiel Anton Vassalli u l-Bidu tat-Tagħlim tal-Malti fl-Università," *Il-Mument* 4.viii.2002: 18-19; David Agius Muscat, "M. A. Vassalli's University Timetable (1825)," *The Sunday Times* 10.x.2004: 52-53.

3 ANM, CSG 05/1, 210. Fuq Vassalli u De Sacy ara Carmen Depasquale, "Ittra ta' Vassalli lill-Baruni Silvestre De Sacy," *Dawl Ġdid fuq Vassalli*, ed. Olvin Vella (Malta: L-Għaqda tal-Malti [Università] u l-Istitut tal-Lingwistika, 2004) 149-158, speċjalment 152.

ii. id-dizzjunarju Taljan-Malti, u

iii. id-dizzjunarju etimoloġiku.

U beda jaħdem fuq

iv. antoloġija tal-qwiel,

v. it-traduzzjoni ta' l-erba' Vanġeli,

vi. it-traduzzjoni ta' silta twila mill-*Histoire Ancienne* ta' Charles Rollin,

vii. ġabra ta' antonimi (eż. *ruħ-ġisem*),

viii. xi ittri oriġinali,

ix. xi djalogi, u

x. xi trattati.[4]

Ninu Cremona kien issuġġerixxa l-possibbiltà li Vassalli beda jaqleb is-silta mill-*Histoire Ancienne* ta' C.Rollin fl-1825.[5] Kien fit-13 ta' Settembru ta' l-1825 li r-Rev. Jowett qala' l-permess tal-Gvernatur biex jistampa siltiet tradotti minn dan il-ktieb. Jowett kellu jistampa dawn il-kopji bit-Taljan u bil-Grieg fl-istamperija taċ-CMS u kien marbut, bħas-soltu, li jxerridhom barra minn Malta.[6]

Mix-xogħol kollu li ħadem bl-appoġġ ta' l-Anglikani, Vassalli laħaq ra stampati l-*Grammatica della Lingua Maltese* (1827) u l-*Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi* (1828). Wara mewtu ċ-CMS stampatlu l-*Quatuor Evangelia* (1829) u *Storja tas-Sultan Ċiru meħuda mir-Rollin* (1831), waqt li kisbet mingħand martu x-xogħlijiet tiegħu li kienu baqgħu manuskritti.[7] Fost dawn il-karti kien hemm *Stedina*, "sejħa patrijottika" miktuba madwar l-1827.[8]

## Tliet edizzjonijiet f'ħames snin

*Stedina* hija sintesi ta' l-argumenti ta' Vassalli fuq is-sehem tal-Malti fit-tagħlim. Kien salvaha mill-għajbien George Percy Badger meta stampaha fil-ktejjeb tiegħu *A Letter on the Eligibility of the Maltese Dialect as a Written*

[4] Ara Anton Cremona, *Vassalli and His Times*, trad. May Butcher (Malta: Giov. Muscat, 1940) 116; Christopher Frederick Schlienz, *Views on the Improvement of the Maltese Language and Its Use for the Purposes of Education and Literature* (Malta, 1838) 40.

[5] Cremona 172-173.

[6] ANM, CSG 05/1, 184-185.

[7] Cremona 116.

[8] George Percy Badger, *A Letter on the Eligibility of the Maltese Dialect as a Written Medium of Instruction in the Government Primary Schools Addressed to His Excellency Sir H. F. Bouverie* (Malta, 1841) 22.

*Medium of Instruction in the Government Primary Schools* (1841).[9] Badger inqeda biha biex jagħti kampjun tal-kitba Maltija bl-alfabett tiegħu.

F'perjodu ta' ħames snin *Stedina* ġiet ippubblikata darbtejn oħra, imma b'xi tibdiliet. Fl-1843 ippubblikatha l-Akkademja Filoloġika Maltija fil-gazzetta tagħha *Il-Malti*,[10] u fl-1845 ippubblikaha awtur anonimu f'*A Short Grammar of the Maltese Language* (1845), ktieb maħruġ hawn Malta mill-istamperija ta' Matthew J. Weiss.[11]

M'għandniex xi ngħidu, is-suċċess ta' *Stedina* kien ġej mill-fatt li Badger, l-Akkademja Filoloġika u l-awtur tax-*Short Grammar* kienu jaqblu mal-fehmiet imxandra fiha, jew għall-inqas ma' ħafna minnhom għax, kif se naraw 'il quddiem, l-Akkademja Filoloġika ċċensurat kemm isem l-awtur kif ukoll xi fehmiet.

Jidher li mit-tlieta, Badger biss kellu quddiemu l-verżjoni manuskritta oriġinali għax, barra milli stampaha l-ewwel wieħed, ta l-itwal verżjoni u kiteb li oriġinarjament *Stedina* kienet miktuba bis-simboli ta' Vassalli.[12] Għandna nifhmu li ż-żewġ verżjonijiet l-oħra kienu ġew ikkupjati minn fuq ta' Badger.

## Malti safi u letterarju

Il-valuri ta' *Stedina* huma letterarji, lingwistiċi u awtobijografiċi. L-istil mirqum li Vassalli bnieha bih u l-għażla tal-kelma safja jgħolluha fuq il-kitbiet bikrija l-oħra miktuba minn ħaddieħor. Fiha jidher ċar il-ħsieb ta' l-awtur li ma jissellifx kliem barrani, tant li minn madwar elf u mitejn kelma, erba' darbiet biss uża kelma mnissla mir-Rumanz: *talin* (v. 8), *bnadijiet* (v. 73), *pajjiżu* (v. 78) u *bnadi* (v. 80).[13] Interessanti li dawn il-kelmiet huma integrati ħafna fil-Malti.

Vassalli għażel ukoll *xgħajjar* (v. 16) flok "deżerti"[14] u ma naqasx li jħaddem Arabiżmi bħal *malli* (v. 39) flok "barra milli" u *filli* (v. 42) flok "billi."[15]

---

9 Badger 12-16.

10 *Il-Malti* [Akkademja Filoloġika Maltija] 2.ix.1843, 16.ix.1843.

11 *Stedina* tidher fil-paġni 60-72.

12 Badger 17.

13 Kull meta nirreferi għall-versi minn *Stedina* dejjem inkun qed nirreferi għall-verżjoni ppubblikata fil-ktieb *L-Edukazzjoni għall-Illuminiżmu f' Vassalli*, ed. Joseph P. Borg (Malta: L-Għaqda tal-Malti [Università] u L-Istitut tal-Lingwistika, 2004) 41-46.

14 "Deżert" kienet ilha li daħlet fl-ilsien Malti; ara *The Biblioteca Vallicelliana "Regole per la Lingua Maltese,"* ed. Arnold Cassola (Malta: Said, 1992) f. 38v.

15 Ara n-noti ta' Manwel Mifsud fi "Stedina," *EIV*, 41-46.

Kultant l-għażla safja ta' Vassalli ċajpret it-tifsira. Ngħidu aħna, meta kiteb "Immela issa illi għandna l-*kif* u *biex* bid-dawl tat-tagħlim [...] ." (v. 87):

- *kif* qiegħda tirreferi għall-għażla ta' lsien it-twelid bħala l-għodda tat-tagħlim, u
- *biex* qiegħda tirreferi għall-għodda tal-kodifikazzjoni, jiġifieri l-alfabett, il-grammatika u d-dizzjunarju.[16]

Interessanti ħafna li xi tifsiriet li ta Manwel Mifsud fi żmienna kienu jinħassu meħtieġa saħansitra f'nofs is-seklu dsatax, kif jixhdu xi tibdiliet li saru fl-edizzjonijiet ippubblikati f'*Il-Malti* (1843) u fix-*Short Grammar* (1845). Dan kollu jurina kemm Vassalli kien tbiegħed mill-ilsien mitħaddet għal skop letterarju.[17]

| **Fl-edizzjoni ta' Badger** | **Tibdiliet f'edizzjonijiet oħra** |
|---|---|
| nibqgħu wara iżjed (v. 50) | nibqgħu hekk lura *(Il-Malti)* |
| jitbagħdu ma' xulxin (v. 23) | jinbagħdu ma' xulxin *(Short Grammar)* |
| filli (v. 42) | billi *(Short Grammar)* |
| thabit (v. 106) | taħbit *(Il-Malti, Short Grammar)* |

## Referenzi awtobijografiċi

Għalkemm *Stedina* hija taħdita fuq is-siwi tat-tagħlim u fuq kemm kien meħtieġ li l-Maltin iħaddmu lsien twelidhom, Vassalli sab il-waqt biex jagħti rendikont ta' x'wettaq (vv. 87-88, 119-124) u biex jgħaddi ġudizzju negattiv fuq is-soċjetà ta' żmienu (vv. 40-42). Barra minn hekk, ta għadd ta' tagħrifiet awtobijografiċi li maż-żmien ġew ikkonfermati bir-riċerka. Ngħidu aħna:

| **Tagħrifa awtobijografika** | **Konferma** |
|---|---|
| Meta Vassalli kiteb *Stedina* (1827) kien għalaq erbgħa u erbgħin sena jaħdem fuq il-Malti (v. 101). | Beda jmur l-iskola ta' sbatax-il sena[18] u sentejn wara beda jaħdem fuq il-Malti.[19] |
| Vassalli tħabat tabilħaqq biex ikkodifika l-Malti (v. 101). | Ippubblika sitt kotba fuq l-ilsien nazzjonali u żewġ traduzzjonijiet twal. Kemm Catarina |

[16] Qabbel ma' Mikiel Anton Vassalli, *Ktŷb yl Klŷm Mâlti* (Ruma: Antonio Fulgoni, 1796) xxxix, § xciii.

[17] Ara nota 15.

[18] Vassalli, *Ktŷb yl Klŷm Mâlti*, xiv, § xiii.

[19] Mikiel Anton Vassalli, *Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi* (Malta: l-Awtur, 1828) vi.

| | |
|---|---|
| | Vassalli, martu, kif ukoll Susan Frere, oħt John Hookham, iddeskrivew kemm kien iddedikat f'ħidmietu.[20] |
| Vassalli dam ħdax-il sena fl-Italja (v. 75). | Mill-1785 sa l-1796.[21] |
| Vassalli dam dsatax-il sena oħra msiefer (vv. 75-76). | Mill-1801 sa l-1820.[22] |
| F'dawn id-dsatax-il sena żar bosta bliet, gżejjer u artijiet (vv. 75-76). | It-Tuneżija, Korsika, bosta bliet Franċiżi u Spanja.[23] |
| Kemm dam imsiefer kien iltaqa' ma' bdiewa li kienu jafu jaqraw u jiktbu bi lsien pajjiżhom (vv. 76-80). | Fi Franza hu nnifsu kiteb lill-bdiewa żewġ kotba żgħar bil-Franċiż fuq il-qoton.[24] |

## *Stedina*: ġabra qasira tal-fehmiet ta' Vassalli

Fi *Stedina* nsibu diwi tal-fehmiet li kien xandar sa mill-bidunett fil-kotba tiegħu, f'avviż stampat u fil-petizzjonijiet. Hawn taħt se nislet xi eżempji u nqabbilhom:

| *Mylsen Phoenico-Punicum* (1791), 49-51, § xxiii | *Stedina*, vv. 63-66 |
|---|---|
| [...] & hoc modo unusquisque, qui exteras linguas, uti Latinam, Italam, Graecam, Gallicam, aliamve ediscere cupit, propria lingua, saltem in ediscenda prima, veluti *medio omnino necessario* oportet utatur, quemadmodum utitur Itala lingua Italus, Gallica Gallus, Hispanus Hispana &c. dum exoticas loquelas discit aut docet [...]. | U mnejn sa fejn, jew il-għaliex, ma għandniex niktbu bħal oħrajn? Il-Għarbi bil-Għarbi jikteb, bit-Taljan it-Taljan, u sa l-iswed li jinsab ġewwa l-qalba ta' l-Afrika, mnejn qatt ma ħareġ, u la qatt ra dinj'oħra: iżda jaqra u jikteb bi lsienu. |

[20] Frans Ciappara, "Vassalli, His Children and Protestantism," *DĠV*, 147; Cremona 224, dok. 31.

[21] Frans Ciappara, "Vassalli Studied for the Priesthood," *Journal of Maltese Studies: Essays on Mikiel Anton Vassalli* 23-24 (1993): 43-47; Carmel G. Bonavia, "M. A. Vassalli's Commercial Activity," *JMS*: 115-120.

[22] Cremona 69; Frans Ciappara, "Vassalli in the Correspondence of Inquisitor Carpegna," *JMS*: 47-50.

[23] Ġużè Cassar Pullicino, "Two Unknown Writings by M. A. Vassalli," *JMS*: 92-105; Alain Blondy, "Vassalli u r-Refuġjati Maltin, Aġenti Prinċipali tal-Kultivazzjoni tal-Qoton fi Franza (1807-1814)," trad. Toni Aquilina, *DĠV*, 109-131, speċjalment 118-127; Olvin Vella, "Xogħol Ieħor ta' M. A. Vassalli dwar il-Qoton," *Il-Mument* 20.vii.2003: 30-31.

[24] Cassar Pullicino, "Two Unknown Writings," 92-105; Vella, "Xogħol Ieħor ta' M. A. Vassalli dwar il-Qoton," 30-31.

| *Associazione al Dizionario Maltese-Italo-Latino* (1792) | *Stedina*, vv. 105-111 |
|---|---|
| Sogliono alcuni maravigliarsi del perchè in Malta, e Gozo la nostra gioventù incomincia troppo tardi a fare de'progressi negli studj, rimanendo come sepolta nelle basse scuole gramaticali, e di lingua Latina fino all'età di sedici, o diciasette anni, e delle volte ancora di venti; il che non solo s'osserva nelle scuole private, ma nelle pubblice ancora, non ostante la diligenza di chi studia, e l'attenzione di coloro, che insegnano. | Huma għarfu minn qabli t-tbatija l-kbira li nbatu f'Malta sabiex nitgħallmu; illi t-tħabit bejn in-nies kollu jiġi minn dan in-nuqqas; illi tagħlimna bil-maqlub, illi mkien bħalna, kulħadd fid-dinja jibda jaqra u jikteb bi lsienu, u aħna ndumu s-snin il-kbar nitgħakirku bla fejda, u ftit imbagħad huma fostna li joħorġu, u bosta wisq iżjed jibqgħu ma jafu xejn, u bla ebda qari. |

| Petizzjoni lil de Rohan (1795), AOM 1197, f. 376 | *Stedina*, vv. 87-90 |
|---|---|
| Ora essendo l'oratore ritornato in Patria, desidera di poter aprire una pubblica, e normale Scuola di Leggere, e Scrivere nella stessa Lingua maltese, affinchè con nuovo, ed ordinato metodo, come s'usa presso tutte le colte nazioni si possa d'ogginnanzi col mezzo della propria Lingua apprendere ogni altra senza difficoltà, aprendosi in tal guisa à chi studia facile, e piana via, ed accorciandosi l'infinita, ed intralasciata carriera cagionata da diverso metodo. | Immela issa illi għandna l-kif u biex bid-dawl tat-tagħlim, issa illi nfetħet it-triq u hija watja lakemm ngħaddu minnha, ma noqogħdux iżjed nitħassbu x'għandna nagħmlu u anqas il-kif għandna niktbu. |

| *Discorso Preliminare* (1796), xxiii, § xxxii | *Stedina*, vv. 31-33 |
|---|---|
| A tempi nostri poi, dacchè il leggere e lo scrivere si è reso famigliare a tutte le culte nazioni, e specialmente dopo l'uso della stampa, bisogna riguardare questa facoltà come un sesto sentimento, il cui sviluppo può solo renderci veramente degni della società e veri cittadini. | F'kelma waħda, il-bniedem li ma jiktibx, għallanqas bi lsienu, hu agħma u mxebbaħ lil bhima, u l-oħrajn jistgħu jmexxuh u jsuquh kif iridu u jogħġobhom. |

| *Discorso Preliminare* (1796), *Progetto* xxxix, § xciii | *Stedina*, vv. 12-15 |
|---|---|
| Ora dunque che si è trovato il modo di coltivare la nostra favella fa di mestieri che nelle scuole s'abbracci a poco a poco un metodo del tutto diverso dal fin quì praticato; bisogna incamminarsi per un retto brieve e facile sentiero, come usano le culte nazioni, ed incominciare la carriera degli studj dalla materna lingua. | [...] anqas ħsibna aħna ta' rġiel ta' l-għaqal, bħalma ħasbet in-nies tad-dinja kollha, fl-artijiet ta' barra, sewwa kbar, sewwa żgħar. Aħna mmela jmissna, u għandna nafu naqraw u niktbu bi lsienna, bħalma jafu huma ma' kullimkien [...]. |

| *Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi* (1828), v | *Stedina*, vv. 40-41 |
|---|---|
| [Dalle massime] si scorge a chiaro giorno come pensavano [i nostri avi], e praticavano in confronto del nostro agire: in che consisteva la loro morale, l'amor della virtù, l'abborrimento al vizio, che procuravano di tener lontano dalle famiglie; l'estensione della loro filantropìa; e parimente quanto con siffatta condotta differivano da quella del secolo presente; dimodocchè possiamo asseverantemente affermare, che ne' secoli rimoti, anche prìa del passaggio de' Saraceni, vi era in quest'isole un sodo sapere e procedere con semplicità e riguardi per il bene della vita sociale, ignoto a noi negli ultimi, e nel presente secolo. | Għaliex fiż-żmien li aħna fih, in-nies ħjienet bosta wisq milli dari [...]. |

| *Grammatica della Lingua Maltese* (1827), v | *Stedina*, vv. 101-104, 115-118 |
|---|---|
| [...] avendo trasandato a questo effetto le diverse maniere di scrivere, che le furono in varii tempi confusamente proposte senza successo, perchè inesatte e non conformi punto all'indole della lingua, una sola Ortografia ben ponderata e capace a condurci alla meta prefissa de' Letterati le abbiamo assegnato nel 1788, alla quale invariabilmente abbiamo proseguito ad attenerci con esperienze incontestabili in altre opere e nella presente. | Aktar minn erbgħin sena ili illi ħsibt, tħabatt u ħdimt fuq din il-ħaġa biex insewwiha, u nagħmel illi l-kitba tagħna tkun tista' ssir ħielsa bi lsienna u magħrufa; iżda t-toroq kollha kienu magħluqa [...]. Iżda l-ħajra u t-tħawtil tagħhom [i.e. ta' l-għorrief tagħna fl-imgħoddi], jekk għalihom sar batal, it-telfien taż-żmien u t-tbatija l-kbira qanqluni, ħajruni u wettaqli l-ħrara ta' qalbi biex nagħmel dmiri kollu u nsib it-tarf ta' din il-ħaġa hekk meħtieġa. |

Xi referenzi indiretti li jagħmel Vassalli fi *Stedina*, wieħed jiltaqa' magħhom f'xogħlijiet oħra wkoll. Ngħidu aħna, Vassalli kellu f'moħħu l-poplu ta' Ragusa meta semma n-nies ta' artijiet żgħar li jafu jaqraw bi lsien twelidhom (vv. 13-14).[25]

U la qed insemmu r-referenzi indiretti, tajjeb ngħidu li fi *Stedina* jidher qed japprezza l-isforz ġenwin ta' min, bħal De Soldanis, għalkemm ma kellux ħila daqsu xorta waħda kien stinka biex jikkodifika l-Malti għax għaraf is-sehem ewlieni ta' l-ilsien Malti fit-tagħlim (vv. 101-118).[26]

*Stedina* tikkonferma wkoll kemm Vassalli baqa' sa l-aħħar marbut mal-kisbiet tas-Seklu tad-Dawl (vv. 34-36).

## *Stedina* u "Kliem bejn Tnejn"

*Stedina* nistgħu nużawha wkoll biex insaħħu l-fehma ġenerali li Vassalli huwa l-awtur tal-ktejjeb anonimu *Alfabeto Maltese*.[27] Dan il-ktejjeb ta' tmien paġni ilu attribwit lil Vassalli, l-aktar wara l-istudju ta' Cassar Pullicino fuq id-djalogu "Kliem bejn Tnejn" li jinsab fih.[28]

Is-siltiet li ġejjin jidhru marbutin ma' xulxin:

| "Kliem bejn Tnejn" | *Stedina* |
|---|---|
| [...] ma kienx qatt maħsub il-ġid li kien jiġi lil hedawn il-gżejjer ta' Malta, billi jiktbu, u jaqraw il-lsien tagħhom, u billi jitkellmuh tajjeb (p. 6). | Aħna mmela jmissna, u għandna nafu naqraw u niktbu bi lsienna, bħalma jafu huma ma' kullimkien: ladarba din hi ħaġa li tinħtieġ (vv. 14-16). |
| Dak imbagħad li jingħamel fil-werqa min-nies u minn ħbieb oħrajn tagħna jkun ukoll, bħalma nifhem, magħżuż u mfittex minn kulħadd kif fil-bliet hekk fir-rħula, biex jiktbu bejniethom, u jaqraw il-kitba tagħhom (pp. 7-8). | Ġie waqt għandu l-miktub fuq ħwejjeġ ta' daru, u jeħtieġlu jaqrahom minn ħaddieħor, biex jagħraf xi nkitiblu, u kemm-il darba jiġri illi jaqrawlu u ma jfissrulux sewwa, u jkollu jmur jiġġiera u jibqa' ma jafx kif inhuma (vv. 27-31). |

25 Vassalli, *Ktŷb yl Klŷm Mâlti*, xx, nota 7.

26 Qabel, Vassalli kien ikkritika bl-aħrax lil De Soldanis kemm fi *Ktŷb yl Klŷm Mâlti*, vii, nota 1; xiv, nota 4; xxxvi, nota 16; kif ukoll fil-*Grammatica della Lingua Maltese* (Malta: l-Awtur, 1827) 40, nota.

27 [Mikiel Anton Vassalli], *Alfabeto Maltese* [1788?].

28 Ġużè Cassar Pullicino, " 'Kliem bejn Tnejn': Kitba Mhux Magħrufa ta' M. A. Vassalli," *JMS*: 74-79; partikolarment 79, nota 1.

| | |
|---|---|
| [...] meta naraw li n-nies tibda tithenna b'dan il-lsien tagħna fuq it-tagħlim li nkunu tajna (p. 7) [...] . | [...] malli taqra u tikteb bi lsienek tħossok minnufih tithenna (vv. 54-55) [...] . |
| [...] jien inħarrġek fil-lsien il-Malti bit-tagħlim kollu ġdid u li ma bħalu (p. 7) [...] . | Immela issa illi għandna l-kif u biex bid-dawl tat-tagħlim, issa illi nfetħet it-triq u hija watja lakemm ngħaddu minnha, ma noqogħdux iżjed nitħassbu x'għandna nagħmlu u anqas il-kif għandna niktbu (vv. 87-90). |

## Vassalli ċċensurat mill-Akkademja Filoloġika Maltija

F'nofs l-1843 l-Akkademja Filoloġika bdiet toħroġ *Il-Malti*, gazzetta żgħira bilingwi ta' kull ħmistax, editjata minn Dr Ludovico Mifsud Tommasi bl-għajnuna ta' Dr Lorenzo Decaro u Dr Gio Antonio Vassallo.[29] *Stedina* ġiet ippubblikata f'żewġ taqsimiet.[30] Għalkemm l-Akkademja Filoloġika kienet taqbel ma' Vassalli li l-Malti kien jiswa fit-tagħlim, hija sabitha bi tqila biex issemmi ismu u rreferiet għal din il-kitba tiegħu bħala "l-kliem ta' wieħed Malti".[31] Barra minn hekk iċċensuratlu r-rimarka "U x'jedd għandu t-Taljan iżjed minn ilsna oħra?" li biha nistgħu ngħidu li kien ħabbar il-Kwistjoni tal-Lingwa.[32] L-Akkademja Filoloġika ma naqsitx milli żżid nota biex tiddiżapprova bil-pulit il-fehma entużjasta ta' Vassalli fuq is-Seklu tad-Dawl; ara nota (a), hawn taħt.

[29] Bianca Fiorentini, "Il Giornalismo a Malta durante il Risorgimento Italiano," *Echi del Risorgimento a Malta*, 2 ed. (Milano: Cisalpino - Goliardico, 1982) 61.

[30] Ara nota 10.

[31] Din iċ-ċensura ma tistax ma tfakkarniex fi kliem Schlienz fuq l-għajb li waqa' fih isem Missier l-Ilsien Malti (ikkwotat f'Ciappara, "Vassalli, His Children and Protestantism," 136). Badger ukoll itenni li t-tifkira ta' Vassalli ma kinitx imweġġħa kif kien jixirqilha (Badger 17). Mill-banda l-oħra, fl-istess żmien niltaqgħu ma' għadd żgħir ta' nies li kienu diġà bdew japprezzawh. Barra Fortunato Panzavecchia u Francesco Vella (ara Cremona 127-131), nistgħu nsemmu lil Lorenzo Decaro (ara nota 33), lil Antonio Schembri, *Selva di Autori e Traduttori Maltesi* (Malta: Paolo Cumbo, 1855) 73, u lill-Kanonku Francesco Schembri, BNM, Misc. 371/7, Anon., *Catalogo di Una Raccolta di Libri Già Appartenuta alla Chiar. Memoria del Revmo. Sig. Dr. Don Fortunato Can. Panzavecchia* (Malta, 1853) 2,22. Nirringrazzja lil David Agius Muscat talli għarrafni b'dan il-katalgu.

[32] Qabbel ma' l-istqarrija ta' Decaro, "L-Akkademja Filoloġika għalkemm daż-żmien ħsiebha kollu hu fuq il-Malti, u fuq it-tagħlim tat-tfal, xejn inqas it-Taljan li aħna ninħtieġu wisq għal dan it-tagħlim hu ħaġa, li minnha hija wkoll ma tistax ma tiħux ħsieb." Ara *Il-Malti* [Akkademja Filoloġika Maltija] 17.ii.1844: 58.

Minħabba li l-edizzjoni ppubblikata f'*Il-Malti* fiha għadd kbir ta' tibdiliet, għażilt l-aktar siltiet interessanti.

| L-edizzjoni ta' Badger | *Il-Malti* |
|---|---|
| Illum id-dinja fetħet għajnejha u għaddiet 'il quddiem bil-qari u l-kitba li ngħaraf ma' kullimkien, u għalhekk tbiddlet wisq milli kienet mijiet ta' snin ilu (vv. 34-36). | Illum id-dinja fetħet għajnejha u għaddiet 'il quddiem bil-qari u l-kitba magħruf ma' kullimkien, u għalhekk tbiddlet wisq milli kienet mijiet ta' snin ilu.[a] [a]**Nagħdru xi kliem ta' di l-Istedina għall-ħrara li kellu min kitibha li jara mgħallem il-lsien Malti.** |
| Bnadi oħra l-ewwel bi lsienhom, u bih imbagħad ilsna oħra jitgħallmu; iżda hawna le, donna m'aħniex bħal nies oħra. **U x'jedd għandu t-Taljan iżjed minn ilsna oħra?** Iżda tgħiduli ma kellniex min jagħtina d-dawl, u min jgħallimna. Tabilħaqq (vv. 82-86). | Bnadi oħra l-ewwel bi lsienhom, u bih imbagħad ilsna oħra jitgħallmu, iżda hawna le, donna m'aħniex bħal nies oħra. Iżda tgħiduli ma kellniex min jagħtina dawl u min jgħallimna; tabilħaqq. |
| La tisimgħux iżjed, u lanqas biss tagħtu widen lejn it-tmarmir u l-klimijiet tal-frugħa ta' dawk il-boloħ li rjushom iebsa u għajjurin ilaqalqu bil-marrara fi lsienhom jgħidu illi l-ħaġa għandha ssir xort'oħra, hekk qatt ma kienet: **iżda mbagħad billi huma bla ħila ma jafux il-kif,** u dana l-anqas ħsieb li għandhom (vv. 90-95). | La tisimgħux iżjed, u lanqas biss tagħtu widen għat-tmarmir u l-klimijiet tal-frugħa ta' dawk il-boloħ li rjushom iebsa u għajjurin ilaqalqu bil-marrara fi lsienhom, jgħidu illi l-ħaġa għandha ssir xort'oħra, hekk qatt ma kienet: **iżda dawna huma minn dawk li ma jafux dil-ħaġa kif għandha timxi,** u dana l-anqas ħsieb li għandhom. |
| Oħrajn qabli kienu ħasbu u riedu jagħmlu dana; għax kienu raw bħali illi jinħtieġ. Huma għarfu minn qabli t-tbatija l-kbira li nbatu f'Malta sabiex nitgħallmu; illi t-tħabit bejn in-nies kollu jiġi minn dan in-nuqqas; illi tagħlimna bil-maqlub, illi mkien bħalna, kulħadd fid-dinja jibda jaqra u jikteb bi lsienu, u aħna ndumu s-snin il-kbar nitgħakirku bla fejda, u ftit imbagħad huma fostna li joħorġu, u bosta wisq iżjed jibqgħu ma jafu xejn, u bla ebda qari. Dak li ma jiftiħemx jintesa. **Dana kollu niggeż lill-għorrief tagħna fl-imgħoddi;** imma billi ma setgħu qatt jagħmlu l-ewwel triq, malli bdew u ma nifdux, kellhom iħallu minn dik is-siegħa li raw li ma kellhom dawl u ħila biżżejjed (vv. 104-115). | Oħrajn qabli kienu ħasbu u riedu jagħmlu dana, għax kienu raw bħali illi jinħtieġ. Huma għarfu minn qabli t-tbatija kbira li nbatu f'Malta sabiex nitgħallmu, illi t-taħbit bejn in-nies kollu jiġi minn dan in-nuqqas, illi tagħlimna bil-maqlub, illi mkien bħalna, kulħadd fid-dinja jibda jaqra u jikteb bi lsienu, u aħna naħdmu s-snin il-kbar, nitgħakirku bla fejda, u ftit imbagħad huma fostna li joħorġu, u bosta wisq iżjed jibqgħu ma jafu xejn u bla ebda tagħlim. Dak li ma jiftiħemx jintesa. **Jien nerġa' ngħid illi bosta qabli ħabtu jiftħu triq għat-tagħlim bil-lsien Malti,** imma billi ma setgħu qatt iwittu l-ewwel triq, malli bdew u ma nifdux, kellhom iħallu minn dik is-siegħa li raw li ma kellhom dawl u ħila biżżejjed. |

## Min kienu l-membri ta' l-Akkademja Filoloġika

Fit-3 ta' Diċembru ta' l-1842 il-Gvernatur kien irċieva ittra ffirmata minn Dr Ludovico Mifsud Tommasi, Dr Lorenzo Decaro,[33] Dr Celestino Camilleri, Dr Paolo Pullicino, Dr Michel'Angelo Camilleri,[34] Dr Salvatore Cumbo u Dr Gaetano Laferla li biha għarrfuh li kienu waqqfu l-Akkademja Filoloġika Maltija bil-għan li jġibu 'l quddiem l-istudju tal-Malti u tat-Taljan.[35]

Wara ftit żmien daħlu wkoll Dr Arcangelo Pullicino,[36] li fi ftit żmien laħaq president ta' l-għaqda,[37] u Dr Gio Antonio Vassallo.

## L-edizzjoni tax-*Short Grammar*

Kuntrarju għall-membru jew il-membri ta' l-Akkademja Filoloġika li ċċensuraw *Stedina*, l-awtur tax-*Short Grammar* isemmi lil Vassalli b'ismu u kitbietu jqishom "*learned writings*."[38] Huwa ma ċċensura xejn mill-fehmiet tiegħu għalkemm biddel xi ħwejjeġ żgħar. Filwaqt li warrab xi Arabiżmu, ngħidu aħna *filli* (v. 42) bidilha f'"billi," flok erba' kelmiet Rumanzi ħalla waħda biss: *pajjiżu* (v. 78). *Talin* (v. 8), *bnadijiet* (v. 73) u *bnadi* (v. 80) bidilhom f'"nies," "mkinijiet" u "mkien."

---

[33] Editur tal-gazzetta *Il Globo*: 48-49. Fil-harġa tal-11.vi.1841 (p. 92) kiteb: "Il Vassalli ne [qed jgħid għall-ilsien Malti] pubblicava nel 1792 una grammatica analitica ed un dizionario, i quali hanno sparso molta luce sul meccanesimo e la ricchezza di questa lingua, lavoro penoso e di altissima difficoltà, che gli meritò un posto distinto trai lessicografi ed i filologi europei." Għal tagħrif bijografiku qasir fuq Decaro, ara Fiorentini 44, nota 1.

[34] M. A. Camilleri kien qassis Kattoliku. Ftit xhur wara t-twaqqif ta' l-Akkademja Filoloġika siefer Ġibiltà, sar Anglikan u żżewweġ armla Maltija. Reġa' Malta ftit xhur wara. Camilleri kien imqabbad mill-Isqof ta' Ġibiltà biex, fost l-oħrajn, jirrevedi t-Testment il-Ġdid li snin qabel kien ġie maqlub minn Vassalli. Ir-reviżjoni ta' Camilleri ġiet stampata fl-1847. Ara Cremona 121; Sant 29-30; Joseph Bonnici, "Michael Angelo Camilleri: Renegade Priest or Philanthropist?," *The Sunday Times* 7.v.2000: 52-53.

[35] ANM, CSG 05/2, 239.

[36] Arcangelo kien jiġi missier Paolo Pullicino. Għall-bijografija ta' Arcangelo, ara Paolo Pullicino, *Breve Notizia della Vita del Dr Arcangelo Pullicino* (Malta: Albion, 1861).

[37] *Il-Malti* [Akkademja Filoloġika Maltija] 17.ii.1844.

[38] Anon., *A Short Grammar of the Maltese Language* (Malta: M. Weiss, 1845) 72, nota 21.

## Jimxu fil-mogħdija ta' Vassalli

Vassalli għalaq *Stedina* bit-tama li n-nies tilqa' s-sejħa tiegħu biex tibda titgħallem taqra u tikteb bi lsien art twelidha. Fisser li kien wettaq dmiru meta kkodifika l-Malti u kien konvint li saflaħħar stabbilixxa l-ortografija Maltija.

Imma l-istedina tiegħu laqgħuha l-Protestanti biss.[39] U wara ftit snin anki ċ-CMS bdiet taħseb biex twarrab l-ortografija tiegħu.[40] Aktarx li din l-ortografija dehret imħaddma l-aħħar darba fl-1839 fis-sitt ħarġa tal-*Malta Penny Magazine*, editjat mill-Protestant James Richardson.[41] Din il-ħarġa kienet kollha fuq il-ħaġra ta' Majmuna.[42]

Il-bqija tal-ġrajja nafuha lkoll. Kellhom jgħaddu mitt sena oħra biex Ninu Cremona u sħabu ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti jilqgħu l-istedina ta' Vassalli u jħaddnu l-prinċipji ewlenin ta' l-ortografija tiegħu fit-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*.[43] Jekk din kienet l-inkoronazzjoni ta' Vassalli fil-qasam lingwistiku, ftit snin wara Vassalli reġa' kiseb apprezzament ieħor fil-letteratura. Għax kif se naraw, Dun Karm mhux biss nisiġlu s-sunett mill-isbaħ *Lil Mikiel Anton Vassalli* (1933),[44] imma rrefera għalih direttament f' "Il-Leġġenda Maltija tas-*Sepolcri*" u indirettament fil-ftuħ ta' *Il-Jien u Lilhinn Minnu*.

## *Stedina* u Dun Karm

Fid-daħla għal *L-Oqbra* (1936) Dun Karm kien stqarr li meta fl-1929 ħadd ma fakkar iċ-ċentinarju minn mewt Vassalli, qatagħha li jibda jaqleb *I Sepolcri* bil-Malti, xewqa li kienet nibtitlu sentejn qabel.[45]

Sa l-1929 Ninu Cremona ma kienx għadu beda jippubblika fuq Vassalli, imma n-noti tar-riċerka tiegħu juru li f'April ta' dik is-sena kien diġà qed jaħdem fuq il-bijografija.[46] Għalhekk jista' jkun li kulma kien jaf Dun Karm

---

39 Olvin Vella, "L-Ilsien Malti u l-Metodisti fl-Ewwel Nofs tas-Seklu Dsatax," *Il-Ġens Illum* 18.vi.2005: 22; 2.vii.2005: 22.

40 Cremona 118.

41 Fuq Richardson, ara Arthur Bonnici, *History of the Church in Malta*, iii (Malta: Veritas, 1975) 192, nota 9.

42 *Malta Penny Magazine* 19.x.1839: 24. Nirringrazzja lil Patrick Formosa talli għarrafni biha.

43 Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (Malta: Stamperija tal-Gvern, 1924).

44 Miktub fil-5 ta' Awwissu ta' l-1933, xandru f'*Leħen il-Malti* 31 (1933): 99.

45 Ugo Foscolo, *L-Oqbra*, trad. Dun Karm (Malta: Stamperija tal-Gvern, 1936) 9-10.

46 AUM, Ms. 222, 167.

fl-1929 fuq Vassalli kien semgħu minn fomm Cremona.[47] Għandna naħsbu li Cremona kien ilu s-snin miġbud lejn Vassalli; biss, biss, it-*Tagħrif* huwa mibni fuq l-istudju ta' Vassalli.

Dun Karm seddaq ir-rabta ta' *L-Oqbra* ma' Vassalli b' "Il-Leġġenda Maltija tas-*Sepolcri*": huwa jirrakkonta l-laqgħa ta' żagħżugħ – l-ilsien Malti – ma' żagħżugħa – il-poeżija ta' Foscolo – u jġib id-diskors tagħhom fuq missirijiethom – Vassalli u Foscolo.[48]

Fl-istess sena tal-ħruġ ta' *L-Oqbra* Dun Karm kien beda jikteb *Il-Jien u Lilhinn Minnu*.[49] Dun Karm għażel li jorbot ukoll *Il-Jien u Lilhinn Minnu* ma' Vassalli, billi d-damma ta' metafori li tagħlaq *Stedina* tiftaħ fil-fatt il-poema tiegħu.

| *Stedina* (vv. 119-122) | *Il-Jien u Lilhinn Minnu* |
|---|---|
| Imbagħad bil-għajnuna t'Alla l-għażiż meddejt idejja, u għall-ewwel bħal agħma u bit-teftif fost iċ-ċpar u d-dlam, u b'naqra ta' dawl li kelli, ftaħt it-triq, u qalqajla għaddejt 'il quddiem sa ma sebaħli, u sibt ruħi fuq ir-riħ. | Ħsiebi bħal agħma; biex isib it-trejqa<br>itektek bil-għasluġ kull pass li jagħti;<br>jimxi qajl qajl u qatt ma jaf fejn wasal;<br>dalma kbira tostorlu l-kif u l-għala,<br>u d-dawl li hu jixtieq qatt ma jiddilu. |

Din id-damma ta' metafori tidher mill-inqas darb'oħra fix-xogħlijiet ta' Vassalli: "*secus enim semper in incerta & obscura, tanquam caecus tentabundus necessum est gradiri.*"[50]

*Nirringrazzja lil David Agius Muscat, Karmenu Bonavia, Joseph P. Borg, Maroma Camilleri, Charles Farrugia, Patrick Formosa, Anthony Mangion, Prof. Manwel Mifsud, Dr Sergio Portelli, Mary Samut-Tagliaferro u Dr William Zammit.*

47 Ninu Cremona beda jxandar il-bijografija f'sensiela ta' artikli f'*Il-Malti*, il-perjodiku ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. L-ewwel artiklu deher f'Ġunju ta' l-1932. Il-bijografija ta' Cremona għall-ewwel kienet maħsuba għall-*Archivum Melitense*; ara AUM, Ms. 222, 186.

48 Foscolo 57-61. Ara wkoll Lawrenz Cachia, *Dun Karm: Il-Poeta Nazzjonali* (Malta: Veritas, 1999) 137-152.

49 Dun Karm, *Il-Jien u Lilhinn Minnu*, ed. Oliver Friggieri (Malta: Toni Cortis, 1988) 2.

50 Mikiel Anton Vassalli, *Mylsen Phoenico-Punicum* (Ruma: Antonio Fulgoni, 1791) 51, § xxiii.

**Taqsiriet**

ANM Arkivju Nazzjonali ta' Malta, ir-Rabat

AUM Arkivju ta' l-Università ta' Malta, Librerija ta' l-Università, l-Imsida

BNM Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta, il-Belt

CMS *Church Missionary Society*

CSG *Chief Secretary to Government*

*DĠV* *Dawl Ġdid fuq Vassalli*, ed. Olvin Vella (Malta: L-Għaqda tal-Malti [Università] u l-Istitut tal-Lingwistika, 2004)

*EIV* *L-Edukazzjoni għall-Illuminiżmu f' Vassalli,* ed. Joseph P. Borg (Malta: L-Għaqda tal-Malti [Università] u l-Istitut tal-Lingwistika, 2004)

*JMS* *Journal of Maltese Studies: Essays on Mikiel Anton Vassalli*, ed. Oliver Friggieri (Malta: Dipartiment tal-Malti, Università ta' Malta, 1993)

I shall again see my kindred, and be full of joy, and be happy in receiving a reward.

No. 4. The genius of thy soul shone forth here on earth in a most discordant manner: sometimes in repelling death, and then again in solicitous anxiety to render it advantageous to yourself. § Death transports us to the state of heavenly remuneration, where the blessed sojourn in the shade of delightful arbours, and by the murmuring of perennial streams of water. But the evil-doers, who have not left behind them in the world any good action, shall rise condemned to suffer the severest tortures, after they have been sprinkled with the soporiferous water."

§ There is something forced in this sentence, nor are the authorities produced by the Chevalier sufficient to sustain the manner in which he has deciphered or translated it. Upon a close inspection of the original Cufic, we give the following as a more correct transcript into Arabic characters:

انظر لنفسك هل فى الارض من باقى او دافع الموت او
الموت من راء

The English of which is as follows: *See to it yourself, is there any who is permanent on the earth, or who has [successfully] repelled, or who has seen death?*

We refer the reader to Vol. I. p. 397—399 of the *Mines de l' Orient*, for a complete analysis of this inscription, from whence it will be seen, that we have taken the liberty of making a few alterations in the translation as given by the Chevalier, having adhered more strictly to the rendering of it as transcribed in his modern Arabic copy.

In order to shew the approximation of the Maltese, as now spoken, to the Arabic language as written in this Island in the twelfth century, we have thought it would not be uninteresting to lay before such of our readers as pay any attention to philology another translation in the native dialect of Malta. It will be seen that not less than two-thirds of the words in the translation correspond precisely, both in sound and meaning, with the Arabic, and with but a few exceptions, the whole is a literal rendering of the original.

Oh inti li târa il qabar! jena
qenda bɦal ɑarusa
fih, u it-trâb
ɑabbar xfâri u
ɑainejja f'
dina 'l ɑorfa.

B'isem Alla l'
aktar ɦanin. Jbierek Alla
in-nebi Muhammed u
niesu u jsedqu. Alla
ɑaziz u jibqa, izda qata li kol ma ħalaq jifni;

U billi ɦajti tintemm
ɑaddi ɑal qjemi;
meta qajjim-
ni min ħalaqni
jaɦjini ma niesi
u nieħu il ħlâs.

ɑal dana hua esempiu l'apostlu t'Alla. Dana qabar Maimuna bint Hasan, bin Ali el-Hud iben Majiz is-Susi; (Alla jatih id-daul u jɦin ɑalih) u meutha kienet nhar il ħamis, fis-sitta u ɑoxrin tax-xahar Xaaban il kbir, tas-sena disɑa u sittin u ħames-mija, hia u tixhed li ma hemx Alla ħlief Alla uaɦdu u li ma ɑandux xrik.

* * * * * * * * * * * * * *

* Il ɑada ta ruɦek dehret fil ard min uiccein: jeu tidfa il meut, jeu rieda tikseb mil meut. Fil meut hem il ħlas tal genna, u il fei tal gonna msaqqia, fein l'ilma dejjem gieri. Jkun fit-tbatia u ɑaks, bl' ilma tar-rqâd mraxxax fuqu, min ɑamel ɦazin u ma ħalliex uraih ɑamil taiba.

* The alteration we have above proposed in this line would run thus in Maltese: *Ara lilek in-nifsek, hem min jibqa fil ard, jeu min jidfa il meut, jeu il meut min ra?*

PLAIN AND PITHY REMARKS.

I HAVE very little to say, and that little will lie in a very small compass, though, if you attend to it, it may give you a great deal of peace. The best thing in this world is the assurance of a better; and our more immediate wants are food, raiment, and rest. If you would relish your food heartily, labour to obtain it; if you would enjoy your raiment thorougly, pay for it before you put it on; and if you would sleep soundly, take a clear conscience to bed with you. Do these things, and you will be pretty well off in this world; as to the next, if you have any desire to attain it, you must follow His footsteps who hath said, "I am the way." Rely upon his atonement, and walk in his ways, and you will be well provided for time and eternity.

Printed for Mr. J. Richardson. Quarterly Subscriptions at 1*s.* received 97 Str. Forni.

*Malta Penny Magazine* 19.x.1839. F'din il-ħarġa ddedikata lill-ħaġra ta' Majmuna niltaqgħu, aktarx għall-aħħar darba, ma' l-ortografija ta' Vassalli. (Mill-ġabra ta' Patrick Formosa)